# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021**

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 1124/12JRM**

Joseph **ĊINI**

vs

**MUSCAT MOTORS LIMITED (C – 420)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Novembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-attur l-ammont ta' għoxrin elf, sitt mija u sebgħin ewro (€20,670) jew somma verjuri oħra rappreżentanti kummissjonijiet dovuti lilu[1]; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma hemm imsemmija. Talab ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Awwissu, 2012;

[1] Kif imfissra fil-prospett Dok "A" meħmuż mar-Rikors Maħluf f'paġ. 4 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2012[2], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tat-13 ta' Marzu, 2013, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, tgħid li t-talbiet attriċi waqgħu bil-preskrizzjoni kif maħsuba fl-Artikoli 2147(ċ), 2148(e), u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħdet ix-xiljiet attriċi u qalet li ebda kummissjoni ma hija dovuta għaliex qatt ma kien hemm xi ftehim bejnha u l-attur għall-ħlas ta' xi kummissjonijiet għaliex il-paga mħallsa kienet tagħmel tajjeb għal dan u baqgħet ma tnaqqsitx, minkejja li kien hemm bosta okkażjonijiet fejn tniżżel fil-karigi li kellu. Ikkontestat ukoll l-ammont mitlub mill-attur bħala wieħed esaġerat u qalet li l-attur, f'kull każ, kellu jipprova l-ammont pretiż;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2013[3], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' il-provi tal-partijiet, u dan bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-kumpannija mħarrka;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kummissjoni dovuta fuq bejgħ ta' vetturi. L-attur, bħala impjegat mal-kumpannija mħarrka, jgħid li huwa jistħoqqlu l-ħlas ta' kummissjonijiet fuq il-bejgħ ta' kull vettura mibjugħa minnu, kif kien isir lil kull min kien bħalu fil-kumpannija mħarrka. Minkejja li wettaq għadd ta' bejgħ, baqa' ma tħallasx dawn il-kummissjonijiet, u għalhekk ressaq din l-azzjoni biex hu jitħallas l-ammont xieraq;

Illi l-kumpannija mħarrka, min-naħa l-oħra, tgħid li hija qatt ma daħlet fi ftehim mal-attur dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet, u tgħid li l-azzjoni tiegħu waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien li fih messha tressqet;

[2] Paġġ. 5 u 6 sa tal-proċess
[3] Paġ. 23 tal-proċess

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li l-attur kien impjegat mal-kumpannija mħarrka f'kariga maniġerjali fi stabbiliment li kellha f'Raħal Ġdid għall-bejgħ tal-karozzi msejjaħ *Mizzi Automotive Services 2* (MAS). Wara li saret ir-ristrutturazzjoni tal-kumpannija u ngħalqet il-MAS, l-attur intalab imur jaħdem fil-*Head Office* tal-kumpannija attriċi bħala *Sales Manager*[4];

Illi tul iż-żmien li kien jaħdem f'MAS, l-attur kellu salarju u l-użu ta' vettura tal-kumpannija, iżda ma kienx jitħallas kummissjoni fuq il-bejgħ ta' *parts* tal-vetturi li minnhom kien responsabbli. Jirriżulta wkoll li s-salarju li kien jaqla' l-attur kien ogħla sew minn dak ta' *salesman* fi ħdan l-istess kumpannija[5];

Illi fl-istruttura l-ġdida tal-kumpannija attriċi, *Salesmen* jew *Sales Executives* ma kellhomx l-użu ta' vettura tal-kumpannija, iżda salarju bażiku (mqabbel ma' dak ta' paga minima), flimkien ma' ħlas ta' kummissjoni kull xahar[6], filwaqt li *Sales Managers* kellhom pakkett finanzjarju aħjar[7];

Illi jirriżulta li, wara li seħħet l-ewwel bidla fi ħdan il-kumpannija, l-attur inħatar bħala *Brand Manager* u, wara bidla oħra, nħatar bħala *Sales Executive* jew *Salesman*. Huwa ntalab jirrispondi għas-Sales Managers li kienu jmexxu t-*team* tiegħu[8]. Għar-rigward tal-pakkett finanzjarju, il-ftehim aħħari li ntlaħaq bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka, kien li l-attur iżomm is-salarju u l-użu tal-vettura tal-kumpannija, jiġifieri ġie li żamm l-arranġament li kellu fiż-żmien li kien imexxi MAS, u li jingħata "*sales bonus commission*" li kellha tiġi diskussa 'l quddiem[9]. Fi kliem il-kumpannija mħarrka, "*sales bonus commission*" kien jirreferi għal bonus fl-aħħar tas-sena, iżda dan l-arrangament qatt ma ġie diskuss mal-attur u bħala stat ta' fatt, il-kumpannija mħarrka ma ħallset bonus bħal dak lil ħadd mill-impjegati tagħha[10];

Illi kemm dam jaħdem mal-kumpannija mħarrka, l-attur biegħ diversi vetturi[11], iżda ħlas ta' kummissjoni qatt ma ngħata. Filwaqt li l-attur ilmenta b'dan mal-kumpannija mħarrka[12], il-kumpannija mħarrka rrifjutat li tħallas kummissjoni lill-attur minħabba li s-salarju tiegħu ma kienx dak ta' *salesman*, iżda ogħla sew minn hekk[13];

---

[4] Ara x-xhieda ta' Henry Scicluna f'paġ. 74 tal-proċess u ta' Austin Walker f'paġ. 29 tal-proċess
[5] Ara x-xhieda ta' Henry Scicluna f'paġ. 74 u f'paġ. 467 tal-proċess
[6] Ara x-xhieda ta' Daniel Sissons f'paġ. 65 u ta' Henry Scicluna f'paġ. 468 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda ta' Austin Walker f'paġ. 31 tal-proċess u dik ta' Henry Scicluna f'paġ. 74 tal-proċess
[8] Ara l-affidavit tal-attur f'paġġ. 12 sa 13 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġġ. 14 sa 15 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda ta' Daniel Sissons f'paġ. 63 u ta' Louis Dalli f'paġ. 55 tal-proċess
[9] X-xhieda ta' Henry Scicluna f'paġġ. 81, 89 u 442 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Henry Scicluna f'paġ. 87 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Louis Dalli f'paġġ. 437 sa 438 tal-proċess u Dok. "JCZ" f'paġ. 436 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Ċini f'paġ. 452 tal-proċess fejn b'żieda mal-bejgħ indikat f'Dok. "JCZ", l-attur jgħid li biegħ għaxar (10) *London taxi*
[12] Dok. "ZZ" f'paġ. 474 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Jason Grech f'paġ. 424 tal-proċess

Illi fit-28 ta' Awwissu, 2012[14], l-attur interpella formalment lill-kumpannija mħarrka sabiex jitħallas il-kummissjoni dovuta lilu;

Illi fl-14 ta' Ottubru, 2012, l-attur irtira mill-impieg bl-eta` minn mal-kumpannija mħarrka[15] u xahar wara fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, il-Qorti tislet dawn l-aspetti li ġejjin: l-ewwel wieħed, dak marbut mal-eċċezzjonijiet li jridu li l-azzjoni attriċi waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien li fih kellha titressaq; filwaqt li t-tieni wieħed jirrigwarda l-aspett tal-kumpens marbut mal-kummissjoni;

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-kumpannija mħarrka. Il-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-attur naqas li jressaq it-talba tiegħu fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tinbena fuq tliet (3) żminijiet preskrittivi: dik tas-sena maħsuba fl-artikolu 2147(ċ), dik tat-tmintax-il xahar maħsuba fl-artikolu 2148(e), u dik tal-ħames snin maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-ewwel preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2147(ċ) tolqot l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas ta' ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu. Billi l-azzjoni attriċi ma hijiex marbuta ma' talba għall-ħlas ta' paga jew salarju iżda għall-ħlas ta' kummissjoni li titħallas lil hinn mill-paga jew salarju, l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 2147(ċ) ma tgħoddx għall-każ tallum. Kemm hu hekk, it-tifsira li l-liġi tagħti għal "paga" ma tgħoddx f'dik il-kelma "*bonus* jew *allowance* relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni" u lanqas ħlasijiet b'kummissjoni[16];

Illi, min-naħa l-oħra, il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(e), tolqot azzjonijiet tas-sensala, għad-dritt tas-senserija. Billi mill-fatti jirriżulta li l-attur kien impjegat mal-kumpannija mħarrka, lanqas dan l-artikolu tal-liġi ma jgħodd għall-każ għaliex m'huwiex u ma aġixxiex ta' sensar fis-sens li titlob il-liġi[17];

Illi jibqa' għaldaqstant li wieħed iqis il-preskrizzjoni tal-ħames snin imqanqla taħt l-Artikolu 2156(f), li tolqot l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kreditu li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali, fost oħrajn, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' taħt preskrizzjoni aqsar. Irid jingħad li l-qofol tal-azzjoni li l-Qorti għandha

---

[14] Rikors Maħluf paġġ. 2 sa 3 tal-proċess

[15] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 12 tal-proċess u x-xhieda mogħtija minnu fil-kontro-eżami f'paġ. 457 tal-proċess

[16] Artt. 2(1) u 36(12) tal-Kap 452

[17] Ara f'dan is-sens P.A. JZM **14.12.2017** fil-kawża fl-ismjiet ***David Massa vs Simon Estates (Naxxar) Ltd*** (mhix appellata) u s-sentenzi hemm imsemmija fuq dan il-punt

quddiemha huwa dak sabiex il-kumpannija mħarrka twettaq ir-rabta li l-attur jgħid li l-kumpannija mħarrka kellha miegħu dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet, kif jissemma fl-ittra li bagħtitlu fit-18 ta' Novembru, 2003[18] fejn jissemma li kellhom jiddiskutu s-"*sales bonus commission*". Fi kliem l-attur, dak id-dokument jixhed ir-rabta kuntrattwali li nħalqet bejnu u l-kumpannija mħarrka. Il-kumpannija mħarrka, min-naħa l-oħra, tiċħad li qatt kien hemm rabta kuntrattwali bejnhom u tisħaq li tali ftehim qatt ma ntlaħaq għaliex dik il-proposta baqgħet ma tlaħħmitx fi ftehim;

Illi fuq is-saħħa tal-pretensjonijiet imressqa mill-attur fir-rikors li bih fetaħ din il-kawża u lil hinn minn jekk dawk il-pretensjonijiet humiex mistħoqqa, ir-rabta kuntrattwali preżunta mit-talbiet attriċi hija "*obligazione di dare*" magħmula minn ħlas ta' flus f'termini ta' kummissjoni dovuta minn bejgħ ta' vetturi. Il-kliem "għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor" taħt l-Artikolu 2156(f) jgħodd għall-każ tallum u jista' jintrabat mal-krediti kummerċjali l-oħra msemmija fis-subinċiżi tal-istess artikolu[19]. Billi wkoll il-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus[20]. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tgħodd għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus[21];

Illi jibqa' żewġ konsiderazzjonijiet oħrajn li jmisshom isiru. L-ewwel waħda hija li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jgħallmu li: "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinata ad estinguere. . .*"[22]. Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[23]. Dan, wara kollox, huwa prinċipju li tridu l-liġi tagħna wkoll. Kemm hu hekk, ingħad li, għall-finijiet tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, iż-żmien li fih l-azzjoni għandha tinbeda tiddependi minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb l-imġarrab, u li tabilħaqq in-nuqqas ta' għarfien tal-liġi m'huwiex raġuni tajba biex jingħad li l-azzjoni ma setgħetx issir qabel[24];

---

[18] Dok "Ċ", f'paġ. 17 tal-proċess
[19] P.A. **9.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ralph Naudi et vs Maltacom p.l.c.*** ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**25.2.2005**
[20] App. Ċiv. **7.2.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Grech*** (Kollez. Vol. **XXXIII.i.397**)
[21] P.A. **19.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Pulliċino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.588**)
[22] Cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, §364, pag. 279
[23] *Op. Cit.* §393-bis, pag 306
[24] Ara P.A. **25.4.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Alfred Delia vs John Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)

Illi marbut ma' dan il-prinċipju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema jum dik il-preskrizzjoni bdiet miexja u favur min, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabbilixxi dik id-data, għandha tiċħad l-eċċezzjoni[25];

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva"[26];

Illi, mill-provi mressqa ħareġ li baqa' ma sar qatt qbil formali bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet, isegwi li ma kien hemm l-ebda żmien formali li minnu wieħed seta' jibda jkejjel il-mixi tal-preskrizzjoni invokata. Minbarra dan, ukoll li kieku wieħed kellu jkejjel bix-xiber tal-eċċezzjoni mqajma mill-kumpannija mħarrka, wieħed isib li l-pretensjonijiet tal-attur jirrigwardaw żminijiet li jqarrbu ħafna lejn dakinhar li nfetħet il-kawża (sewwasew saż-żmien li huwa rtira bl-eta` mill-impieg minn mal-kumpannija mħarrka). Għalhekk, hija ħaġa minn ewl id-dinja li l-azzjoni attriċi ma tista' bl-ebda mod titqies li waqgħet għal kollox bil-preskrizzjoni tal-ħames snin;

Illi, madankollu, hemm kunsiderazzjoni oħra li l-Qorti jidhrilha li għandha ssir. Din tirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami fid-dawl ta**l-ħames eċċezzjoni** (fil-mertu) mqajma mill-kumpannija mħarrka, li tgħid li l-ammont mitlub mill-attur "huwa esaġerat". Kif sewwa issottometta l-għaref difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, eċċezzjoni bħal dik ma toqgħodx mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għaliex isservi biex twaqqagħha. Il-Qorti taqbel ma' dan l-argument. Minkejja li l-kumpannija mħarrka tqajjem il-ħames eċċezzjoni bla ħsara għall-eċċezzjonijiet ta' qabel, jibqa' il-fatt li dik l-eċċezzjoni ssarraf għal rinunzja[27] tal-preskrizzjoni tal-pretensjonijiet attriċi billi, fil-qofol tagħha, eċċezzjoni bħal dik tikkostitwixxi stqarrija tal-kreditu, imma mhux tal-ammont mitlub[28]. Stqarrija tal-eżistenza ta' kreditu ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhix mistħoqqa u mhux se tilqagħha, filwaqt li ssib li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx bil-preskrizzjoni;

---

[25] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[26] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)
[27] App. Kumm. **2.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja noe et vs Laferla pro. et noe.*** (Kollez. Vol: **XLVIII.iii.1440**)
[28] App. Ċiv. **16.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Aluminium Ltd. vs Earli Ltd.***

Illi l-Qorti sejra issa tqis **it-talbiet attriċi fil-mertu** għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ kummissjoni. L-attur jorbot it-talbiet tiegħu mal-ittra tat-18 ta’ Novembru, 2003[29]. Jgħid li mill-kontenut ta’ din l-ittra, joħroġ ċar li l-ħsieb tal-kumpannija mħarrka kien dak li tħallsu kummissjoni fuq il-bejgħ li jseħħlu jikseb ta’ vetturi kummerċjati minnha, li wara kollox tirrifletti l-prassi li kienet imħaddma fi ħdan l-istess kumpannija, jiġifieri li dawk il-persuni li jbiegħu vetturi, jingħataw kummissjoni għal kull vettura mibjugħa. Il-kumpannija mħarrka, min-naħa l-oħra, tgħid li dan mhux minnu għaliex l-attur kien igawdi minn pakkett finanzjarju differenti mill-impjegati l-oħra u l-ħlas ta’ kummissjoni kien kumpensat b’paga ogħla u benefiċċji oħra li l-impjegati li kienu jingħataw il-kummissjoni ma kinux igawdu minnhom. Hija żżid tgħid li, ukoll jekk wieħed joqgħod fuq dak li jingħad f’dik l-ittra, din tixhed li ma kienx intlaħaq ebda ftehim u kien propost biss li f’xi żmien isiru diskussjonijiet bejnha u l-attur dwar kif jew b’liema mod kellu jitħaddem miegħu s-sistema tal-kejl u l-ħlas ta’ kummissjonijiet. Il-kumpannija mħarrka tisħaq li, sa dakinhar li ntemmlu l-impieg, l-attur u hi qatt ma kienu waslu fi ftehim dwar dan;

Illi, fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti trid tistħarreġ jekk tabilħaqq kienx hemm xi ftehim jew arranġament bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka li magħha kien jaħdem u, f’każ li kien hemm, jekk l-attur setax jistrieħ fuqu biex jeżegwih kontra l-prinċipal tiegħu;

Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta’ prova fl-atti tal-kawża li turi li kien sar xi ftehim bil-miktub dwar il-ħlas ta’ kummissjonijiet bejn l-attur u l-kumpannija mħarrka li magħha kien jaħdem. Jidher li sa sena qabel ma rtira mill-impieg kien għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim, għaliex f’ittra elettronika li bagħat lill-*general manager* Scicluna f’Diċembru tal-2011[30] kien għadu qiegħed jilminta li l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas ta’ kummissjonijiet kienet għadha ma ngħatatx widen;

Illi l-liġi tistabilixxi regoli u prinċipji dwar it-tifsir li jingħata lil ftehim milħuq bejn il-partijiet li jkunu daħlu għalih. L-ewwel prinċipju hu li fejn il-kliem ta’ ftehim, meħud fit-tifsira li għandu skond l-użu fiż-żmien li jkun sar, huwa ċar, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[31]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, hemm ċirkostanzi fejn dik il-kjarezza ma toħroġx daqstant ċara, mhux anqas minħabba l-fatt li minn naħa tal-kumpannija mħarrka hemm aktar minn persuna waħda illi kienu mdaħħla fid-diskussjoni mal-attur dwar il-pakkett finanzjarju li kellu jingħata u wkoll minħabba l-fatt li, fejn kien hemm xi qbil bejn il-partijiet, dan baqa’ ma tniżżilx bil-miktub;

---

[29] Fis-sewwa, l-attur ressaq dokument ieħor tal-10.9.2002 (Dok “B”), imma l-Qorti m’hijiex se tqisu għaliex kien intbagħat “*Without prejudice*”
[30] Dok “ZZ” f’paġ. 474 tal-proċess
[31] Art. 1002 tal-Kap 16

Illi t-tieni prinċipju ta' dritt hu li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew b'mod li l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dak inhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[32]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[33];

Illi fost dawk id-dispożizzjonijiet, wieħed isib li biex kliem fi ftehim ma jingħatax it-tifsir li jkollu, trid tkun il-fehma kuntrarja identika tal-partijiet kollha fil-ftehim biex tingħata t-tifsira li fehmuha l-partijiet u mhux dik li ġġorr il-kelma miktuba[34]. Hekk ukoll, meta kliem fi ftehim jistgħu jkollhom aktar minn tifsira waħda, għandha tingħata t-tifsira li biha l-ftehim jingħata effett u mhux dik li biha l-ftehim jitlef kull effett[35], b'mod li kliem li jista' jfisser ħaġa jew oħra għandu jingħata t-tifsir li jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt[36]. Klawsoli fi ftehim għandhom jitfissru l-waħda bl-oħra, b'mod li lil kull waħda jingħata s-sens li jidher mill-att kollu[37]. Jekk, minkejja t-tħaddim ta' dawn ir-regoli, jibqa' id-dubju dwar liema huwa t-tifsir xieraq ta' kliem fi ftehim, tingħata t-tifsira kontra dak li favurih saret l-obbligazzjoni (il-'kreditur' tal-obbligazzjoni) u favur ta' dik mill-partijiet li ntrabtet biha (id-'debitur' tal-obbligazzjoni)[38];

Illi huwa wkoll miżmum li biex wieħed jasal għat-tifsir xieraq tal-kliem fi ftehim, partikularment fil-każijiet li għadhom kemm issemmew, wieħed jista' jistrieħ ukoll fuq xhieda jew dokumenti oħrajn li jitfgħu dawl fuq il-ftehim ewlieni[39], u dan ukoll bi tħaris tal-prinċipji li jirregolaw x'għamla ta' xhieda tista' titressaq "kontra" dak li hu miktub. Minbarra dan, jibqgħu dejjem jgħoddu ż-żewġ regoli l-oħrajn fid-dritt tal-obbligazzjonijiet, jiġifieri dik ir-regola li trid li dak li wieħed jintrabat għalih huwa l-liġi bejn il-partijiet u jrid iwettqu u ma jħassrux jekk mhux bi qbil mal-parti l-oħra ("*pacta sunt servanda*")[40]; filwaqt li t-tieni regola hi li kull min jintrabat fi ftehim jitqies li jwettqu b'bona fidi[41] u jgħodd mhux biss għal dak li jingħad fih imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li r-rabta ġġib magħha[42];

[32] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe vs Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[33] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)
[34] Art. 1003 tal-Kap 16
[35] Art. 1004 tal-Kap 16
[36] Art. 1005 tal-Kap 16
[37] Art. 1008 tal-Kap 16
[38] Art. 1009 tal-Kap 16
[39] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs Bank Ċentrali ta' Malta***
[40] Art. 992 tal-Kap 16
[41] Art. 993 tal-Kap 16
[42] App. Ċiv. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph F Depares noe et vs John O'Dea noe et pro*** (mhix pubblikata)

Illi n-nuqqas ta' qbil li jirriżulta bejn il-partijiet f'din il-kawża jsib l-għeruq tiegħu fil-fatt li l-impjieg tal-attur mal-kumpannija MAS kien f'xi żmien mhedded li jintemm qabel il-waqt. Kemm hu hekk, it-tmexxija ta' MAS ma baqgħetx kif kienet u seħħ ristrutturar fejn l-impjieg tal-attur tqiegħed f'fergħa oħra fi ħdan il-grupp, jiġifieri mal-kumpannija mħarrka;

Illi l-attur kien ilu jaħdem ma' MAS għal numru twil ta' snin, u meta sar it-tibdil fiż-żewġ kumpanniji, huwa kien qed joqrob lejn iż-żmien tal-irtirar (kien għad fadallu biss xi disa' snin xogħol oħra). Il-qagħda ssoktat tiċċajpar għaliex, ftit taż-żmien biss wara li l-attur ingħaqad mal-kumpannija mħarrka, reġa' sar proċess ieħor ta' ristrutturar. Fost l-oħrajn, id-ditta "*Mercury*" ġiet assorbita f'ditti oħra li kienu jaqgħu taħt *Sales Managers* oħrajn. Fid-diskussjonijiet li l-attur kellu mal-*General Manager* Scicluna, kif wara kollox jirriżulta mill-ittra tat-18 ta' Novembru, 2003[43], intlaħaq il-ftehim li l-attur (1) jirrapporta lil *Sales Manager* ieħor fi ħdan l-istess kumpannija, b'hekk il-kariga tiegħu tnaqqset għal dik ta' *salesman*; (2) iżomm il-pakkett finanzjarju li kellu mal-MAS; u (3) kellhom jiddiskutu l-għoti ta' '*sales bonus commission*';

Illi filwaqt li, mill-ittra fuq imsemmija, joħroġ ċar li l-attur ingħata x'jifhem mill-kumpannija mħarrka li kellu jitħallas xi forma ta' kummissjoni fuq il-bejgħ, il-kumpannija mħarrka tisħaq li bħala fatt ftehim aħħari dwar dan baqa' qatt ma ntlaħaq bejnha u l-attur, u għaldaqstant ebda kummissjoni ma hi dovuta. Tgħid ukoll li dak li seta' kien dovut lill-attur kien biss '*bonus*' fl-aħħar tas-sena, iżda mhux kummissjoni li titħallas kull xahar. Fl-ittra mibgħuta lill-attur fit-18 ta' Novembru, 2003, dak l-inċentiv issejjaħ "*'sales bonus commission'* to be discussed accordingly";

Illi fid-duttrina u f'dak li jirrigwarda l-liġi dwar l-obbligazzjonijiet, huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, meta parti f'relazzjoni jew negozju ġuridiku twiegħed jew tħeġġeġ lill-parti l-oħra biex tiddiskuti proposta, dik il-qagħda ma toħloqx rabta kuntrattwali. Kemm hu hekk, jingħad li "*Le trattative, anche nella fase della puntuazione, non vincolano le parti al contenuto dei singoli punti; se le parti intendono vincolarsi, possono subito concludere il contratto sui punti di accordo raggiunti, rinviando ad altra integrazione la conclusione delle parti mancanti. .. .. Percio' la trattativa non è una proposta, né un invito a offrire; e neppure un contratto preliminare con il quale le parti si obbligano a concludere il contratto definittivo, nel futuro. Si discute quindi delle trattative in questa sede solo perché esse precedono, spesso, la formazione del contratto; ma, non esistendo ancora il contratto, non si applicano neppure le norme sui contratti in generale*"[44];

---

[43] Dok "Ċ", f'paġ. 17 tal-proċess
[44] G. Alpa *Corso di Diritto Contrattuale* (2006), pag. 21

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-partijiet ma nedewx diskussjonijiet dwar il-ħlas ta' kummissjonijiet jew ta' *bonus* lill-attur sa dakinhar li rtira mill-impieg. Huwa minnu li l-attur semma bil-miktub li din il-ħaġa kienet għadha pendenti, xi xhur qabel ma ntemm l-impieg tiegħu, imma l-kumpannija mħarrka ma ħadet l-ebda pass f'dan ir-rigward. Għalhekk, wieħed lanqas jista' jgħid li kienu mqar għaddejjin trattattivi bejn il-partijiet dwar din il-ħaġa. Min-naħa tal-kumpannija mħarrka, din baqgħet ittenni li l-kundizzjoni li l-attur iżomm is-salarju li kellu u l-karozza tal-kumpannija minflok jitħallas kummissjonijiet bħas-*salespersons* l-oħrajn, kien aċċettaha l-attur innifsu. Il-prassi fil-kumpannija mħarrka kienet li titħallas kummissjoni kull xahar lill-impjegati li jitħallsu paga minima ('*salesmen*') jew lill-*managers*, liema kummissjoni tinħadem fuq somma fissa jew perċentwali fuq il-prezz tal-vettura skond l-għamla tagħha; filwaqt li, min-naħa l-oħra, "*bonus*" jitħallas kull tant żmien u huwa x'aktarx marbut mal-volum ta' bejgħ li l-impjegat ikun wassal sal-port f'medda ta' żmien partikolari[45];

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda mogħtija u d-dokumenti mressqa fl-atti u sabet li, matul medda ta' żmien ġmielha, kien hemm bosta drabi fejn l-attur kien innegozja l-bejgħ ta' vetturi bħala '*salesman*', imma l-kummissjoni ħaduha persuni oħrajn[46]. Min-naħa l-oħra, kien hemm ukoll bosta drabi fejn l-attur reġa' kien is-'*salesman*' li kien imdaħħal mill-bejgħ ta' għamliet ta' vetturi, u fejn il-kummissjoni wkoll tħallset lil *salespersons* oħrajn u fejn saħansitra l-kotba tal-kumpannija kienu jindikaw li, għar-rigward ta' kif kellha titqassam il-kummissjoni, "*Joe Cini – N/A*"[47]. Il-Qorti tqis li dawk il-provi dokumentali – magħmulin matul żminijiet qabel ma l-attur formalment ressaq il-pretensjonijiet tiegħu dwar il-ħlas tal-kummissjoni u, għalhekk, *tempore insuspecto* – jseddqu t-teżi tal-kumpannija mħarrka li trid li l-attur kien aċċetta li ma jitħallas l-ebda kummissjoni fuq il-bejgħ ta' vetturi sewwasew għaliex is-salarju tiegħu u l-benefiċċji l-oħrajn li kien igawdi kienu jagħmlu tajjeb għal dan. Dik l-imġiba mtennija tal-kumpannija mħarrka, min-naħa tagħha, kienet marbuta man-nuqqas min-naħa tagħha li tibda u tmexxi 'l quddiem mal-attur xi sura ta' negozjati dwar il-ħlas ta' kummissjoni jew ta' *bonus* li kienet webblitu bihom meta ittrasferietu fl-impieg magħha;

Illi l-Qorti żżid tqis ukoll li l-impjieg tal-attur mal-kumpannija mħarrka irid jitqies fl-isfond tal-fatti partikolari tiegħu. Il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-attur ġarr miegħu l-kundizzjonijiet tax-xogħol li kellu qabel mal-MAS u li dan, meta mqabbel mal-impjegati oħra fl-istess kumpannija, poġġieh f'livell 'il fuq minnhom u ħallih f'pożizzjoni partikolari li kienet tgħodd għalih waħdu minn fost l-impjegati kollha tagħha. Dan għaldaqstant jista' jfisser u jiġġustifika

[45] Xhieda ta' Henry Scicluna f'paġ. 467 tal-proċess
[46] Ara Dokti "JG", "JG1", "JG2" u "JG3"f'paġġ. 106, 153 – 161, 258 – 269, 366 – 374 u 390 – 8 tal-proċess
[47] Ara Dokti "JG1", "JG2" u "JG3" f'paġġ. 165 – 176, 178 – 188, 270 – 281, 283 – 290 u 375 – 386 rigward vetturi tal-għamla *Daihatsu* u *Land Rover*

l-wegħda dwar arranġament partikolari li l-kumpannija mħarrka żammet mal-attur f'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' kummissjoni jew *bonus*, lil hinn mill-"pakkett finanżjarju" li ġà kellu;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-proposta li l-kumpannija mħarrka għamlet lill-attur dwar diskussjonijiet li kellhom isiru dwar xi ħlas ta' kummissjoni fuq il-bejgħ jew ta' *bonus* fuq miri ta' bejgħ stabbilit ma kinux rabta kuntrattwali li l-attur seta' jesegwixxi kontra l-kumpannija mħarrka. Mill-provi ħareġ li l-kumpannija mħarrka kienet tagħmel minn kollox biex bit-tqanżieħ tevita li tintrabat mal-attur dwar dik il-proposta, daqqa billi tgħid li l-qagħda finanzjarja tagħha kienet imwiegħra u daqqa billi tgħid li ma kienx il-waqt biex tinnegozja miegħu dwar dawn il-ħwejjeġ. Għalhekk, rabta ma setgħetx tinħalaq f'ċirkostanzi bħal dawn u l-Qorti se tqis din l-imġiba tal-kumpannija mħarrka meta taqta' dwar il-kap tal-ispejjeż;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet attriċi għaldaqstant ma jistgħux jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka billi m'hix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka fil-mertu bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

# 10 ta' Ġunju, 2021